REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 757/2010

tal-24 ta' Awwissu 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-Annessi I u III

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (minn hawn 'il quddiem 'il-Konvenzjoni') approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes [2] u fil-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-tniggis transkonfinali tal-arja fuq firxa wiesgħa minn Pollutanti Organiċi Persistenti (minn hawn 'il quddiem 'il-Protokoll') approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti [3].

(2) Wara li ntlaqgħu n-nominazzjonijiet tas-sustanzi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-Norveġja u mill-Messiku, il-Kumitat għall-Analiżi tal-Pollutanti Organiċi Persistenti stabbilit taħt il-Konvenzjoni, ikkonkluda ħidmietu fuq disa' sustanzi proposti u nstab li dawn jissodisfaw il-kriterji tal-Konvenzjoni. Fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni mill-4 sat-8 ta' Mejju 2009 (minn hawn 'il quddiem il-'COP4') kien hemm ftehim li d-disa' sustanzi kollha jiddaħħlu fl-Annessi għall-Konvenzjoni.

(3) Fid-dawl tad-deċiżjonijiet meħuda fil-COP4 jeħtieġ li l-Annessi I u III għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 jiġu aġġornati. L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu jiġi emendat sabiex iqis li s-sustanzi jistgħu jiġu elenkati biss fil-Konvenzjoni.

(4) Fil-COP4 ġie deċiż li tmien sustanzi jiġu elenkati fl-Anness A (eliminazzjoni) għall-Konvenzjoni. Id-disa' sustanza, l-aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan u d-derivattivi tiegħu (minn hawn 'il quddiem il-PFOS) għadha tintuża ħafna madwar id-dinja u fil-COP4 ġie deċiż li tiġi elenkata fl-Anness B (restrizzjoni) b'firxa ta' eżenzjonijiet. Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu struttura simili għall-Anness I (projbizzjoni) u l-Anness II (restrizzjoni). Il-Konvenzjoni fiha obbligi sabiex jiġu pprojbiti jew ristretti l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tas-sustanzi elenkati fl-Annessi A u B. Bl-elenkar tas-sustanza koperta bid-deċiżjonijiet tal-COP4 fir-Regolament (KE) Nru 850/2004, l-ambitu tar-restrizzjoni jinġieb konformi mad-deċiżjoni tal-COP4 minħabba li r-Regolament (KE) Nru 850/2004 minbarra r-restrizzjoni għat-tqegħid fis-suq jinkludi wkoll kundizzjonijiet għall-produzzjoni, l-użu u l-ġestjoni tal-iskart.

(5) It-tqegħid fis-suq u l-użu tal-PFOS ġie ristrett fl-Unjoni kif stipulat fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) [4]. Ir-restrizzjoni eżistenti fuq il-PFOS fl-Unjoni fiha biss ftit eżenzjonijiet meta mqabbla ma' dawk inklużi fid-deċiżjoni tal-COP4. Il-PFOS kien elenkat ukoll fl-Anness I għall-Protokoll rivedut adottat fit-18 ta' Diċembru 2009. Għalhekk il-PFOS għandu jiġi elenkat ukoll flimkien mat-tmien sustanzi l-oħra fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 850/2004. Id-derogi li kienu applikabbli għall-PFOS meta kien elenkat fl-Anness XVII jitħallew u jiġu elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 bi ftit emendi biss. Id-derogi għandhom ikunu soġġetti għall-użu tal-aqwa tekniki disponibbli fejn applikabbli. Id-deroga speċifika sabiex il-PFOS jintuża bħala aġent li jnaqqas it-tensjoni tas-superfiċje (wetting agent) għall-użu f'sistemi ta' kisi bl-elettroliżi hija limitata biż-żmien skont id-deċiżjoni tal-COP4. Jekk ikun hemm ġustifikazzjoni teknika, l-iskadenza tista' tittawwal, soġġetta għal approvazzjoni mill-Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw, kull erba' snin, dwar l-użu tad-derogi permessi. L-Unjoni Ewropea bħala Parti fil-Konvenzjoni għandha tirrapporta lill-Konvenzjoni abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tkompli tanalizza d-derogi li baqa' u d-disponibbiltà ta' sustanzi jew teknoloġiji alternattivi aktar sikuri.

(6) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 rigward sustanzi li jokkorru bħala kontaminanti f'ammonti żgħar ħafna mhux intenzjonati

[1] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.
[2] ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.
[3] ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35.
[4] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

għandhom jiġu ddefiniti għall-PFOS sabiex jiġi żgurat infurzar u kontroll armonizzati ta' dak ir-Regolament, filwaqt li fl-istess ħin tiġi ggarantita l-konformità mal-Konvenzjoni. Kif stipulat fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-PFOS seta' jintuża fi kwantitajiet taħt ċerti valuri tal-limitu. Sa ma jkun hemm aktar tagħrif disponibbli, il-valuri tal-limitu fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għall-PFOS fl-oġġetti jikkorrispondu għal livell li taħtu l-PFOS ma jistax jintuża b'mod li għandu xi skop partikolari filwaqt li jippermettu kontroll u infurzar permezz tal-metodi eżistenti. Dawn il-valuri tal-limitu għalhekk jillimitaw l-użu tal-PFOS għal livell korrispondenti għal kontaminanti f'ammonti żgħar ħafna mhux intenzjonati. Għall-PFOS bħala sustanza jew fi preparazzjonijiet, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi valur tal-limitu li jikkorrispondi għal livell simili. Sabiex l-użu intenzjonat jiġi evitat għalkollox, dan il-livell għandu jkun iktar baxx mil-livell applikat fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(7) It-tqegħid fis-suq u l-użu tal-etere tal-pentabromodifenil u l-etere tal-ottabromodifenil ġew ristretti fl-Unjoni kif stipulat fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 b'limitu tal-konċentrazzjoni massima ta' 0,1 % skont il-piż. Taħt dan il-limitu ma jitqisux bħala ristretti. Fil-COP4 ġie deċiż li jiġu elenkati l-konġeneri preżenti f'forom kummerċjali tal-eteri tal-pentabromodifenil u l-eteri tal-ottabromodifenil li għandhom karatteristiċi tal-POP. Għal raġunijiet ta' koerenza l-elenkar fir-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu jsegwi l-approċċ tal-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għal dawk id-derivattivi li l-KOP4 identifikathom bħala derivattivi li għandhom karatteristiċi tal-POP; għalhekk id-derivattivi tal-etere tal-eżabromodifenil, l-etere tal-ettabromodifenil, l-etere tat-tetrabromodifenil u l-pentabromodifenil għandhom jiġu elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 850/2004.

(8) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 rigward sustanzi li jokkorru bħala kontaminanti f'ammonti żgħar ħafna mhux intenzjonati għandhom jiġu ddefiniti għall-eteri tad-difenil polibrominati (PBDEs) sabiex jiġi żgurat infurzar u kontroll armonizzati ta' dak ir-Regolament, filwaqt li fl-istess ħin tiġi ggarantita l-konformità mal-Konvenzjoni. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi valur tal-limitu fiss sabiex jitqiesu l-kontaminanti f'ammonti żgħar ħafna mhux intenzjonati fir-rigward tal-PBDEs f'sustanzi, perparazzjonijiet u oġġetti. Skont aktar tagħrif li jsir disponibbli u analiżi mill-Kummissjoni, f'konformita mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-valuri tal-limitu fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għall-PBDEs f'oġġetti prodotti minn materjali riċiklati għandhom jillimitaw l-użu tal-PBDEs għal kontaminanti f'ammonti żgħar ħafna mhux intenzjonati minħabba li jitqiesu li jikkorrispondu għal livell li taħtu l-PBDES ma jistgħux jintużaw b'mod li għandu xi skop partikolari filwaqt li jippermettu kontroll u infurzar permezz tal-metodi eżistenti. Għall-PBDEs bħala sustanzi, fi preparazzjonijiet jew f'oġġetti, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi valur tal-limitu li jikkorrispondi għal livell simili.

(9) Jeħtieġ li jiġi ċċarat il-fatt li l-projbizzjoni fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 ma tapplikax għal oġġetti li jkun fihom il-PBDEs u l-PFOS li diġà kienu jintużaw fid-data tad-dħul fis-seħħ dan ir-Regolament.

(10) Id-DDT u l-Eżakloroċikloeżani (HCH), inkluż il-lindan, għandhom jiġu elenkati mingħajr derogi. Il-Parti A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tippermetti li l-Istati Membri jżommu l-produzzjoni u l-użu eżistenti tad-DDT għall-produzzjoni tad-dikofol. Attwalment l-ebda Stat Membru mhuwa juża d-deroga. Barra minn hekk, id-dikofol ma tħalliex jiddaħħal fl-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [1] kif ukoll fid-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [2]. Għalhekk dik id-deroga għandha titħassar. L-HCH, inkluż il-lindan, huwa elenkat fil-Parti B tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 850/2004, b'żewġ derogi speċifiċi għal ċerti użi speċifiċi. Id-derogi skadew fl-1 ta' Settembru 2006 u fil-31 ta' Diċembru 2007 u għandhom għalhekk jitħassru.

(11) F'konformità mad-deċiżjonijiet tal-COP4, il-pentakloroben żin għandu jiddaħħal fl-Annessi I u III għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 sabiex isir soġġett għal projbizzjoni ġenerali kif ukoll għad-dispożizzjonijiet ta' tnaqqis ta' emissjoni f'dak ir-Regolament. Il-klordekon u l-eżabromodifenil għandhom jiġu ttrasferiti fl-Anness I, il-Parti A, minħabba li issa huma elenkati fiż-żewġ strumenti internazzjonali.

(12) Skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni, l-emendi għall-Annessi A, B u C għaliha jidħlu fis-seħħ sena wara d-data tal-komunikazzjoni mid-depożitarju tal-emenda, jiġifieri fis-26 ta' Awwissu 2010. Konsegwentement u għal raġunijiet ta' koerenza, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni urġenti.

(13) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 67/548/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u III għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[2] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-26 ta' Awwissu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

(1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS I

Il-Parti A – Sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll kif ukoll sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni biss

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Eżenzjoni speċifika dwar użu intermedju jew speċifikazzjoni oħra
Eteru tat-tetrabromodifenil $C_{12}H_6Br_4O$			1. Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-Artikolu 4(1)(b) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-etere tat-tetrabromodifenil ekwivalenti għal 10 mg/kg jew anqas (0,001 % skont il-piż) meta jokkorri f'sustanzi, preparazzjonijiet, oġġetti jew bħala kostitwent tal-partijiet, f'oġġetti, li jdewmu t-tifrix tan-nar. 2. B'deroga, il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn li ġejjin għandhom ikunu permessi: (a) mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b), oġġetti u preparazzjonijiet li fihom konċentrazzjonijiet taħt 0,1 % ta' etere tat-tetrabromodifenil skont il-piż meta prodotti b'mod parzjali jew sħiħ minn materjali riċiklati jew materjali minn skart preparat għall-użu mill-ġdid; (b) tagħmir elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). 3. L-użu ta' oġġetti li diġà kienu jintużaw fl-Unjoni qabel il-25 ta' Awwissu 2010 li fihom l-etere tat-tetrabromodifenil bħala kostitwent ta' tali oġġetti għandu jkun permess. It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 4(2) għandhom japplikaw b'rabta ma' tali oġġetti.
Etere tal-pentabromodifenil $C_{12}H_5Br_5O$			1. Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-Artikolu 4(1)(b) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-etere tal-pentabromodifenil ekwivalenti għal 10 mg/kg jew anqas (0,001 % skont il-piż) meta jokkorri f'sustanzi, preparazzjonijiet, oġġetti jew bħala kostitwent tal-partijiet, f'oġġetti, li jdewmu t-tifrix tan-nar. 2. B'deroga, il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn li ġejjin għandhom ikunu permessi: (a) mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b), oġġetti u preparazzjonijiet li fihom konċentrazzjonijiet taħt 0,1 % ta' etere tal-pentabromodifenil skont il-piż meta prodotti b'mod parzjali jew sħiħ minn materjali riċiklati jew materjali minn skart preparat għall-użu mill-ġdid;

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Eżenzjoni speċifika dwar użu intermedju jew speċifikazzjoni ohra
			(b) tagħmir elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE. 3. L-użu ta' oġġetti li diġà kienu jintużaw fl-Unjoni qabel il-25 ta' Awwissu 2010 li fihom l-etere tal-pentabromodifenil bħala kostitwent ta' tali oġġetti għandu jkun permess. It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 4(2) għandhom japplikaw b'rabta ma' tali oġġetti.
Eteru tal-eżabromodifenil $C_{12}H_4Br_6O$			1. Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-Artikolu 4(1)(b) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-etere tat-eżabromodifenil ekwivalenti għal 10 mg/kg jew anqas (0,001 % skont il-piż) meta jokkorri f'sustanzi, preparazzjonijiet, oġġetti jew bħala kostitwent tal-partijiet, f'oġġetti, li jdewmu t-tifrix tan-nar. 2. B'deroga, il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn li ġejjin għandhom ikunu permessi: (a) mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b), oġġetti u preparazzjonijiet li fihom konċentrazzjonijiet taħt 0,1 % ta' etere tal-eżabromodifenil skont il-piż meta prodotti b'mod parzjali jew sħiħ minn materjali riċiklati jew materjali minn skart preparat għall-użu mill-ġdid; (b) tagħmir elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE. 3. L-użu ta' oġġetti li diġà kienu jintużaw fl-Unjoni qabel il-25 ta' Awwissu 2010 li fihom l-etere tal-eżabromodifenil bħala kostitwent ta' tali oġġetti għandu jkun permess. It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 4(2) għandhom japplikaw b'rabta ma' tali oġġetti.
Etere tal-ettabromodifenil $C_{12}H_3Br_7O$			1. Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-Artikolu 4(1)(b) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-etere tal-ettabromodifenil ekwivalenti għal 10 mg/kg jew anqas (0,001 % skont il-piż) meta jokkorri f'sustanzi, preparazzjonijiet, oġġetti jew bħala kostitwent tal-partijiet, f'oġġetti, li jdewmu t-tifrix tan-nar. 2. B'deroga, il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn li ġejjin għandhom ikunu permessi: (a) mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b), oġġetti u preparazzjonijiet li fihom konċentrazzjonijiet taħt 0,1 % ta' etere tal-ettabromodifenil skont il-piż meta prodotti b'mod parzjali jew sħiħ minn materjali riċiklati jew materjali minn skart preparat għall-użu mill-ġdid;

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Eżenzjoni speċifika dwar użu intermedju jew speċifikazzjoni oħra
			(b) tagħmir elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE. 3. L-użu ta' oġġetti li diġà kienu jintużaw fl-Unjoni qabel il-25 ta' Awwissu 2010 li fihom l-etere tal-ettabromodifenil bħala kostitwent ta' tali oġġetti għandu jkun permess. It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 4(2) għandhom japplikaw b'rabta ma' tali oġġetti.
Aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan u d-derivattivi tiegħu (PFOS) $C_8F_{17}SO_2X$ (X = OH, Melħ tal-metall ($O\text{-}M^+$), alid, ammid, u derivattivi oħra inklużi polimeri)			1. Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-Artikolu 4(1)(b) għandu japplika għal konċentrazzjonijiet tal-PFOS ekwivalenti għal 10 mg/kg jew inqas (0,001 % skont il-piż) meta jokkorru f'sustanzi jew fi preparazzjonijiet. 2. Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-Artikolu 4(1)(b) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-PFOS fi prodotti jew oġġetti li huma parzjalment lesti, jew f'partijiet minnhom, jekk il-konċentrazzjoni tal-PFOS tkun anqas minn 0,1 % skont il-piż ikkalkulata b'referenza għall-massa ta' partijiet strutturalment jew mikrostrutturalment distinti li fihom il-PFOS jew għal tessuti jew materjali miksija oħra, jekk l-ammont ta' PFOS ikun anqas minn 1 $\mu g/m^2$ tal-materjal miksi. 3. L-użu ta' oġġetti li diġà kienu jintużaw fl-Unjoni qabel il-25 ta' Awwissu 2010 li fihom il-PFOS bħala kostitwent ta' tali oġġetti għandu jkun permess. It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 4(2) għandhom japplikaw b'rabta ma' tali oġġetti. 4. Fowmijiet għat-tifi tan-nar li tqiegħdu fis-suq qabel is-27 ta' Diċembru 2006 jistgħu jintużaw sas-27 ta' Ġunju 2011. 5. Jekk il-kwantità rilaxxata fl-ambjent titnaqqas kemm jista' jkun possibbli, il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq huma permessi għall-użi speċifiċi li ġejjin sakemm l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni kull erba' snin dwar il-progress li jkun sar sabiex jiġi eliminat l-PFOS. (a) sas-26 ta' Awwissu 2015, aġenti li jnaqqsu t-tensjoni tas-superfiċje użati f'sistemi kontrollati ta' kisi bl-elettroliżi; (b) reżini fotosensibbli (photoresists) jew kisjiet kontra r-riflessjoni għal proċessi fotolitografiċi; (c) kisjiet fotografiċi applikati għal films, karti, jew pjanċi tal-istampar;

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Eżenzjoni speċifika dwar użu intermedju jew speċifikazzjoni ohra
			(d) aġent li jrażżan l-irxiex għal kisi mhux dekorattiv bil-kromju (VI) iebes f'sistemi b'ċiklu magħluq; (e) fluwidi idrawliċi għall-avjazzjoni. Meta d-derogi fil-punti (a) sa (e) hawn fuq jikkonċernaw il-produzzjoni jew l-użu f'istallazzjoni fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), l-aqwa tekniki disponibbli rilevanti għall-prevenzjoni u t-tnaqqis kemm jista' jkun possibbli tal-emissjonijiet tal-PFOS deskritti fit-tagħrif ippubblikat mill-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2008/1/KE għandhom japplikaw. Hekk kif ikun disponibbli t-tagħrif il-ġdid dwar id-dettalji tal-użi u s-sustanzi jew it-teknoloġiji alternattivi iktar sikuri għall-użi fil-punti (b) sa (e), il-Kummissjoni għandha tanalizza d-derogi fit-tieni subparagrafu sabiex: (i) l-użi tal-PFOS jitwaqqfu gradwalment hekk kif l-użu ta' alternattivi iktar sikuri jkun teknikament u ekonomikament vijabbli, (ii) deroga tista' titkompla biss għal użi essenzjali li għalihom ma jeżistux alternattivi iktar sikuri u fejn ġew irrappurtati l-isforzi li saru biex jinstabu alternattivi iktar sikuri, (iii) jitnaqqsu kemm jista' jkun possibbli l-emissjonijiet tal-PFOS fl-ambjent billi jiġu applikati l-aqwa tekniki disponibbli. 6. Ladarba l-istandards jiġu adottati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), dawn għandhom jintużaw bħala l-metodi analitiċi tal-ittestjar sabiex tintwera l-konformità ta' dawn is-sustanzi, il-preparazzjonijiet u l-oġġetti mal-paragrafi 1 u 2.
DDT (1,1,1-trikloro-2,2-bis(4-klorofenil)etan)	50-29-3	200-024-3	—
Klordan	57-74-9	200-349-0	—
Eżakloroċikloeżani, inkluż il-lindan	58-89-9 319-84-6 319-85-7 608-73-1	200-401-2 206-270-8 206-271-3 210-168-9	—

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Eżenzjoni speċifika dwar użu intermedju jew speċifikazzjoni ohra
Dieldrin	60-57-1	200-484-5	—
Endrin	72-20-8	200-775-7	—
Ettaklor	76-44-8	200-962-3	—
Eżaklorobenżin	118-74-1	200-273-9	—
Klordekon	143-50-0	205-601-3	—
Aldrin	309-00-2	206-215-8	—
Pentaklorobenżin	608-93-5	210-172-5	—
Bifenili Poliklorinati (PCB)	1336-36-3 u oħrajn	215-648-1 u oħrajn	Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 96/59/KE, oġġetti li diġà kienu qegħdin jintużaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw.
Mirex	2385-85-5	219-196-6	—
Toxafen	8001-35-2	232-283-3	—
Eżabromobifenil	36355-01-8	252-994-2	—

(*) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.
(**) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

Parti B – Sustanzi elenkati biss fil-Protokoll

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Eżenzjoni speċifika dwar użu intermedju jew speċifikazzjoni ohra
—"			

(2) Fl-Anness III għandha tiżdied is-sustanza li ġejja:

"Pentaklorobenżin (Nru tal-CAS 608-93-5)"